



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14219/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0262 (NLE)

AVIATION 235
RELEX 1057
USA 90

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Novembru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 589 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 589 final.

Mehmuż: COM(2019) 589 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.11.2019
COM(2019) 589 final

2019/0262 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmit fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni, il-Kroazja ħadet l-impenn li taderixxi mal-ftehimiet konklużi jew iffirmati mill-Unjoni u mill-Istati Membri ma' pajjiżi terzi. Fost dawk il-ftehimiet hemm il-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni u l-Istati Membri taġħha, l-Iżlanda u n-Norveġja ("il-Ftehim Anċillari") dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni u l-Istati Membri taġħha, l-Iżlanda u n-Norveġja ("il-Ftehim tal-Erba' Partijiet"), li jirregola r-relazzjoni bejn it-tliet partijiet Ewropej fil-kuntest ta' dak il-Ftehim, filwaqt li l-Ftehim tal-Erba' Partijiet jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri taġħha ("l-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti") għall-Iżlanda u għan-Norveġja.

L-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni jipprevedi wkoll li l-adeżjoni tal-Kroazja ma' dawk il-ftehimiet għandha tiġi miftiehma permezz tal-konklużjoni ta' protokoll tal-ftehim bejn il-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-pajjiżi terzi kkonċernati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tinnegozja dawk il-protokoll li f'isem l-Istati Membri.

B'hekk il-Kummissjoni nneozjat protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari sabiex jipprevedi l-adeżjoni tal-Kroazja ma' dak il-ftehim.

L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li tinkiseb Deċiżjoni tal-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-TFUE") u l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni, li tawtorizza l-iffirmar tal-protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll l-applikazzjoni proviżorja tiegħu f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu, soġġett għall-konklużjoni tiegħu iktar 'il quddiem.

- **Kuntest ġenerali**

L-impenn tal-Kroazja skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni japplika wkoll għall-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti u għall-Ftehim tal-Erba' Partijiet. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni nneozjat protokoll li wkoll għal dawk il-ftehimiet sabiex jipprevedu l-adeżjoni tal-Kroazja ma' dawk il-ftehimiet. Il-proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar, l-applikazzjoni proviżorja u l-konklużjoni ta' dawk il-protokoll, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari, jiġu ppreżentati b'mod parallel ma' din il-proposta.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti kien l-ewwel ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru ma' sieħeb ewlieni tal-avjazzjoni tal-Unjoni. Dan huwa l-iżjed ftehim importanti fid-dinja dwar it-trasport bl-ajru, u jipprovdi iktar minn 80 miljun post fis-sena għall-passiġġieri tat-trasport bl-ajru; għaldaqstant huwa l-ġebla tax-xewka tal-politika esterna tal-UE dwar l-avjazzjoni. L-importanza tiegħu żdiedet bl-estensjoni tiegħu għall-Iżlanda u għan-Norveġja permezz tal-Ftehim tal-Erba' Partijiet. Il-protokoll se jippermetti lill-Kroazja tibbenefika minn dak il-ftehim.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-protokoll jippermetti lill-Kroazja tissodisfa l-obbligu tagħha skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni sabiex taderixxi mal-Ftehim Añillari.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tat-TFUE, u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Protokoll se jippermetti lill-Kroazja tibbenefika mill-Ftehim tal-Erba' Partijiet li joħloq kundizzjonijiet ugwali u uniformi għall-aċċess għas-suq u jservi bħala bażi għal arranġamenti ġodda għall-kooperazzjoni regolatorja u għall-konverġenza f'oqsma essenzjali għat-tħaddim sikur, sigur u effiċjenti tas-servizzi bl-ajru. Dawn l-arranġamenti jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-Protokoll huwa limitat għat-trattament tal-kwistjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Ftehim Añillari u ma jindirizzax kwistjonijiet oħra.

- **Għażla tal-istrument**

Ftehim internazzjonali.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Sommarju tal-ftehim propost**

Il-Protokoll jikkonsisti minn dispożizzjoni dwar l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Ftehim Anċillari u minn dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmit fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu, tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nneozjat Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmit fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"), f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 13351/12 tal-14 ta' Settembru 2012 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati.
- (2) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Protokoll fit-8 ta' Marzu 2019.
- (3) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat u applikat b'mod proviżorju mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu, soġġett għall-konklużjoni tiegħu iktar 'il quddiem.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmit fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, huwa

b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jiddeżinja l-persuna/i li bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 3

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Protokoll għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*